# ĠESU' HADDIEM

Ta' A. TABONE

*Ġesù jaqdi lil ommu.* Il-Lhud, fiż-żminijiet imgħoddija, kellhom id-drawwa li ma jmorrux jorqdu qabel ma jimlew il-ġarar u l-qliel tagħhom bl-ilma biex isibuh lest għall-ħtiġijiet tal-għada. Lejla waħda l-Madonna ma setgħetx tmur iġġib l-ilma minn fuq il-għajn — li sal-lum għadha tissejjaħ "Il-Għajn tal-Madonna" — għaliex riedet tkompli tinseġ u tlesti l-medda li kellha quddiemha biex biha tagħmel purkan u tagħtih lil waħda ġara tagħha li, l-imsejkna, f'dik il-lejla kiesħa, ma kellhiex biex titgħatta. Ġesù, li kien dejjem lest biex jaqdi lil ommu bħalma jagħmlu t-tfal it-tajba, qabad, minn jeddu, iż-żir iċ-ċkejken u, ma' nżul ix-xemx, telaq lejn il-għajn biex iġib l-ilma.

Imma ġara li fil-misraħ ta' quddiem il-għajn, kien hemm xi tfal żgħar daqsu, jew ftit akbar minnu, jilagħbu. Wieħed minn dawn it-tfal, meta lemaħ lil Ġesù ġej in-naħa tagħhom biż-żir f'idejh, qal lit-tfal l-oħra: "Ejjew taparsi neħdulu ż-żir biex niċċajtaw ftit miegħu". "Le" — qabeż qallu tifel ieħor —; "ma tafx li dak hu t-tifel ta' Ġużeppi l-mastrudaxxa u ta' Marija n-nissieġa? Ma tafx li dawk huma l-aktar nies twajba u jaħdmu biex igħinu lill-fqar? Għaliex mela noqogħdu ninbxu lit-tifel tagħhom li ma jinbexx qatt lil tfal oħra?"

"U ħej! Kemm inti tifel tajjeb u skrupluż! U billi niċċajtaw ftit miegħu x'sa nagħmlulu! ?" — qabeż qal dak ta' l-ewwel. U kif qal hekk, refa' mill-art xi żewġ żrariet imdaqqsin sewwa biex iwaddabhom għaż-żir ta' Ġesù malli hu jirhih minn idejh biex jimlieh bl-ilma. U hekk ġara, għax kif Ġesù qiegħed iż-żir fuq xifer il-għajn, dak il-mingħul ta' tfajjel waddab il-ġebel u mat-tieni daqqa ż-żir tal-foħħar sar biċċiet. Ġesù ħares lura ħosbien biex jara mnejn kien ġej il-ġebel, imma Ġesù ma rax ħaġ'oħra ħlief it-tfal jiġru, imlebbtin, lejn ir-raħal ta' Nazzareth. Ġesù, imbagħad, bla ma tniffes u bla ma tħawwad, dawwar għajnejh miksura lejn iż-żir imfarrak u, bis-sabar kollu, beda jiġbor dawk il-biċċiet imferrxa u jressaqhom waħda ma' l-oħra bħallikieku biex jerġa' jgħaqqadhom.

Iżda, issa, għalkemm kien bena biċċa sewwa miż-żir, Ġesù ma setax ikomplih sa l-aħħar, għax fejn laqtet il-ġebla sar trietaq u xi biċċiet oħra kienu waqgħu f'qiegħ il-għajn mnejn Ġesù ma setax iġibhom. Issa, Ġesù beda bħal jibki, għaliex kif sejjer jieħu l-ilma d-dar lil ommu!? Imma, wara li qagħad jaħsibha ftit, qabad b'subgħajh ta' idejh it-tnejn iż-żewġ trufijiet tal-fardal li kellu ma' qaddu

għal ma' tul ix-xogħol, għolliehom 'il fuq u għaqqadhom ma' xulxin u mela l-fardal bl-ilma bil-qiegħ taż-żir imkisser u telaq bih lejn dar ommu.

Il-Madonna, kif rat lil binha ġej iżomm quddiem qaddu t-trufijiet tal-fardal mimli bl-ilma, b'leħen ftit għoli u miksur, qaltlu: "X'għandek hemm fil-fardal tiegħek? U ż-żir fejn ħallejtu?" U Ġesù, fi ftit kliem, qallha kulma kien ġralu; qallha li xi tfal ftit imqarbin kienu kissrulu ż-żir bil-ġebel, imma hu xorta waħda qdieha għax ġibilha l-ilma li hu minnufih urieha meta fetħilha t-trufijiet tal-fardal. L-ilma kien ċar, nadif u tajjeb u, għalkemm jiċċaqlaq, ma kenitx taqa' taqtira barra. U, imbagħad, daħal id-dar, ferragħ l-ilma ġewwa l-ġarra, u, hieni u ferħan, tgħannaq ma' sider ommu.

* * *

*Ġesù jaqdi lil San Ġużepp.* Ġesù, issa, kien għadu kif għalaq ittmien snin ta' ħajtu. Kien tfarfar ġmielu, u Ġużeppi l-mastrudaxxa kien ta' sikwit iżommu fil-ħanut biex igħallmu s-sengħa, u Ġesù kien imidd idejh minn qalbu. Kien inewwel bil-ħeffa l-għodda li Ġużeppi kien jitolbu; imbagħad tgħallem kif iħoll il-kolla u jiċċana xi biċċa njama ratba u jisserra xi biċċa tavla ta' l-abjad. Mhux l-ewwel darba li Ġesù beda jħaddem it-tnalja u jaqla' l-imsiemer mill-kaxxi miftuqin. Wara xi żmien tgħallem ukoll kif iħaddem il-mazza u l-pedan biex jagħmel il-minċotti u l-munxar u l-isgorbja biex inaqqax xi biċċiet żgħar ta' l-għuda, u Ġużeppi, mistagħġeb, iħares lejh u, f'qalbu jgħid: "Dan it-tifel, f'qasir żmien, għad ikun aħjar minni!"

Fil-għaxija, wara x-xogħol tal-jum, Ġesù kien jieħu ħsieb il-għodda u jqegħedhom f'posthom; hu kien inaddaf il-ħanut u jiġbor mill-art iċ-ċana u l-laqx u jeħodhom id-dar, għall-kenur, biex isajru bihom.

Wara x-xogħol, mhux l-ewwel darba li Ġesù kien joħroġ ma' Ġużeppi biex jagħmlu flimkien żewġ passi fil-beraħ u jieħdu ftit arja safja li, fil-għaxijiet tar-rebbiegħa, kienet toħroġ tfewwaħ mill-ward u ż-żahar tas-siġar.

Meta kienu jerġgħu lura mid-dawra, Marija kienet tkun tistenniehom fuq il-għatba tal-bieb tad-dar tagħhom u tgħidilhom li l-ikel kien lest għalkemm taqilbilhom. U huma kienu joqogħdu bil-qiegħda fuq banketti, madwar mejda ċkejkna, maħdumin minn Ġużeppi nnifsu. Kienu jitolbu t-tlieta flimkien qabel u wara l-ikla li kienu jieħdu fl-iskudelli maħdumin apposta, u jiżżuħajr 'l Alla ta' kulma kien jipprovdilhom.

U l-għada fil-għodu Ġesù u Ġużeppi kienu jerġgħu jiftħu l-ħanut biex, bil-għaraq ta' ġbinhom, jaqilgħu l-għajxien tagħhom. Il-

Madonna wkoll ta' sikwit kienet tmur il-ħanut ħdejhom u, bl-imgħażel f'idejha u l-imradd ħdejn riġlejha, kienet issabbarhom u thenniehom. Ta' sikwit kienet terfa' għajnejha u tħares l-iktar lejn binha ċkejken b'saqajh ħafjin qalb iċ-ċana jew meta Ġesù kien joqgħod jifli bir-reqqa xi biċċa xogħol sabiħa li tkun għadha kif ħarġet minn idejn Ġużeppi l-mastrudaxxa.

Darba waħda Marija rat lil Ġesù fir-rokna tal-ħanut, waħdu, medhi fuq biċċa xogħol u jsammar fuq biċċa njama kollha għoqod u għakiesi. Il-Madonna bdiet titħasseb u resqet fuq ponot subgħajha lejn binha biex titkixxef u tara x'kien jagħmel Ġesù binha. Ġesù ma ntebahx biha u baqa' jaħdem u jsammar. Wara ftit rat lil Ġesù jaqbad dik il-għuda, iressaqha ħdejn xofftejh u jbusha, u, imbagħad b'għożża kbira, iressaqha u jrossha ma' sidru. Dik il-għuda kienet Salib.